# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-7 ta' Frar, 2024

Avviz tat-Talba numru: 408/2023 CL

**Scot Investments Ltd (C36064)**

**VERSUS**

**Massimo Zahra (KI nru 287171M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat nhar il-7 ta' Novembru 2023 fejn is-socjeta attrici iddikjarat illi kienu haslu depozitu ta' elfejn euro (€2000) lill-konvenut ghall-installazzjoni ta' diversi *air conditioninig units*. Il-konvenut kien installa wiehed tal-marka Kanion 18000btu gewwa fond gewwa Naxxar fit-2 ta' Gunju 2023, li kien jiswa €800 u thallas €177 addizjonali biex jkopri l-copper piping, li jinkludu l-vat, ghalkemm qatt ma inghataw rcevuta fiscali u lanqas garanzija. Peress illi x-xoghol ma kienx tal-kwalita' tajba u wara dewmin kontinwu fl-installazzjoni s-socjeta iddecedit li tikkancella l-ordni ghal installazjoni ta' *airconditoners* ohra u talbu r-refuzjoni tal-bilanc ta' €1200. Ghalkemm il-konvenut accetta li jirrifondi dan l-ammont, dejjem gab skuza b'hekk fis-27 ta' Settembru 2023 ftehmu mal-konvenut sabiex jinstalla *airconditioning unit* 24000 btu gewwa fond tas-Sliema. Ftehmu sabiex ssir din l-installazzjoni fuq tlett okkazzjonijiet differenti, izda l-konvenut baqa' ma marx jaghmel l-installazzjoni u meta ipprovaw jcemplulu u bghatulu messaggi qatt ma wiegibhom. talbu s-somma ta' €1200 li hija d-diferenza bejn id-depozitu ta' €2000 u €800 li hija l-valur tal-unit li kien gie installat.

Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024, Deher il-konvenut Massimo Zahra, li ammetta t-talba kif dedotta fl-avviz tat-talba u l-partijiet talbu sabiex it-Tribunal jghaddi ghas-sentenza.

Ra l-atti processwali kollha u d-dokumenti ipprezentati.

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, il-konvenut għażel li jammetti t-talba fil-konfront tiegħu. Huwa indubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima*" Għalhekk, f'każ fejn din isseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista' biss jilqa' t- talba.

Ili din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.

Illi għalhekk, in vista ta’ dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lil-konvenut jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ elf u mitejn euro (€1,200), bl-imghaxijiet bir-rata ta’ 8% fis-sena mis-7 ta’ Novembru 2023[1] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[1] Data tal-preżentata tal-kawza odjerna